# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 657/2007

## ta' l-14 ta' Ġunju 2007

## li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tat-twaqqif ta' skemi ta' kampjuni Ewropej

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(j) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja għal żmien qasir dwar iċ-ċiklu tal-kummerċ.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir ([2]) impona obbligazzjoni fuq l-Istati Membri biex jagħtu indikatur ġdid (prezzijiet ta' importazzjoni fis-settur ta' l-industrija) u biex jibagħtu *data* dwar indikaturi mhux domestiċi skond id-distinzjoni fiż-żona ta' l-euro u fiż-żona mhux ta' l-euro. Minħabba f'hekk, setgħu nħolqu spejjeż sostanzjali għas-sistemi ta' statistika nazzjonali.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 introduċa l-possibilità li jiġu stabbiliti skemi ta' kampjuni Ewropej sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tas-sistemi ta' statistika nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' *data* Ewropej ikunu sodisfatti u sabiex il-Kummissjoni (l-Eurostat) tkun tista' tipproduċi stimi Ewropej kredibbli għall-indikaturi kkonċernati.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolment huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika,

([1]) ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

([2]) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Skemi ta' kampjuni Ewropej jistgħu jiġu applikati meta tkun qed tinġabar l-istatistika li tiddistingwi bejn iż-żona ta' l-euro u ż-żona mhux ta' l-euro għat-tliet fatturi varjabbli li ġejjin speċifikati fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1165/98:

| Fatturi varjabbli | Isem |
|---|---|
| 132 | Ordnijiet ġodda mhux domestiċi |
| 312 | Il-prezzijiet tal-produzzjoni (*output*) tas-suq mhux domestiku |
| 340 | Il-prezzijiet ta' l-importazzjoni |

*Artikolu 2*

Stati Membri li jipparteċipaw fl-iskemi ta' kampjuni Ewropej imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jibagħtu *data* lill-Kummissjoni (l-Eurostat) mill-anqas għall-attivitajiet NACE Rev. 1.1, għall-fatturi varjabbli Nri 132 u 312, u prodotti CPA, u għall-fattur varjabbli Nru 340, speċifikati fl-Anness.

*Artikolu 3*

Stati Membri li jipparteċipaw fl-iskema ta' kampjuni Ewropea għall-fattur varjabbli Nru 340 jistgħu jillimitaw l-ambitu tad-*data* mibgħuta għal dak il-fattur varjabbli għall-importazzjoni ta' prodotti minn pajjiżi fiż-żona mhux ta' l-euro.

*Artikolu 4*

It-termini ta' l-iskemi ta' kampjuni Ewropej stipulati fl-Anness jistgħu jiġu adattati skond tibdiliet fis-sena ta' bażi jew fis-sistema ta' klassifikazzjoni jew tibdiliet strutturali importanti fiż-żona ta' l-euro.

*Artikolu 5*

Kull membru ġdid taż-żona ta' l-euro jista' jidħol kwalunkwe skema ta' kampjuni Ewropea msemmija fl-Artikolu 1, u dan meta jingħaqad maż-żona ta' l-euro. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat, għandha tispeċifika l-attivitajiet NACE u l-prodotti CPA li għandu jintbagħat *data* dwarhom, sabiex l-Istat Membru jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1168/98 fil-qafas ta' l-iskemi ta' kampjuni Ewropej.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**132 ORDNIJIET ĠODDA MHUX DOMESTIĊI**

| Stat Membru | L-ambitu tad-*data* fl-iskema ta' kampjuni Ewropea (NACE Rev. 1.1) |
|---|---|
| Il-Belġju | 17, 18, 21, 24, 27, 28, 31, 32, 34 |
| L-Irlanda | 18, 24, 30, 31, 32, 33 |
| L-Olanda | 21, 24, 28, 29, 30, 32, 33 |
| Il-Finlandja | 21, 24, 27, 29, 30, 31, 32 |

**312 IL-PREZZIJIET TAL-PRODUZZJONI (*OUTPUT*) TAS-SUQ MHUX DOMESTIKU**

| Stat Membru | L-ambitu tad-*data* fl-iskema ta' kampjuni Ewropea (NACE Rev. 1.1) |
|---|---|
| Il-Belġju | 14, 15, 16, 17, 18, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 34, 36, 40 |
| L-Irlanda | 10, 13, 14, 15, 22, 24, 30, 32, 33 |
| L-Olanda | 11, 14, 15, 16, 21, 22, 23, 24, 28, 30, 32, 33 |
| Il-Finlandja | 10, 13, 14, 20, 21, 23, 27, 29, 32 |
| Is-Slovenja | 18, 20, 25, 28, 36 |

**340 IL-PREZZIJIET TA' IMPORTAZZJONI**

| Stat Membru | L-ambitu tad-*data* fl-iskema ta' kampjuni Ewropea (CPA) |
|---|---|
| Il-Belġju | 14.22, 14.30, 14.50, 15.32, 15.51, 16.00, 17.10, 19.20, 21.25, 24.13, 24.14, 24.16, 24.41, 24.42, 24.66, 25.13, 26.12, 26.14, 26.15, 26.70, 28.62, 29.52, 34.10, 34.30, 36.11, 36.22 |
| Franza | 10.10, 11.10, 13.10, 15.11, 15.12, 15.20, 15.33, 15.41, 15.51, 15.84, 15.86, 15.89, 15.91, 16.00, 17.20, 17.40, 17.54, 17.72, 18.22, 18.23, 18.24, 19.20, 19.30, 20.10, 20.20, 20.30, 20.51, 21.21, 21.22, 21.25, 23.20, 24.13, 24.14, 24.41, 24.42, 24.52, 24.66, 25.11, 25.13, 25.21, 25.24, 26.12, 26.13, 26.14, 26.15, 26.21, 26.26, 26.51, 26.81, 26.82, 27.10, 27.42, 27.44, 28.62, 28.63, 28.74, 28.75, 29.11, 29.12, 29.13, 29.14, 29.22, 29.23, 29.24, 29.42, 29.52, 29.56, 29.71, 30.01, 30.02, 31.10, 31.20, 31.30, 31.61, 31.62, 32.10, 32.20, 32.30, 33.10, 33.20, 33.40, 33.50, 34.10, 34.30, 36.11, 36.14, 36.22, 36.30, 36.40, 36.50, 36.61, 36.63 |
| L-Irlanda | 15.13, 15.84, 21.21, 21.22, 21.25, 24.52, 28.11, 30.02, 32.10, 32.20, 33.10 |
| Il-Lussemburgu | 27.10 |
| L-Awstrija | 15.12, 20.30, 26.13, 28.11, 28.74, 31.61, 32.20, 36.40, 36.61, 40.11 |
| Il-Portugall | 11.10, 15.83 |
| Il-Finlandja | 13.20, 14.22, 20.20, 25.21, 26.26, 29.22, 32.30, 36.14, 36.40, 40.11 |
| Is-Slovenja | 27.10 |